8 ta' Mejju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Paul M. Formosa** *versus* **Lewis Gusman**

**Lokazzjoni — Assikurazzjoni tal-Fond Mikri.**

*Il-konduttur li jieħu fond b'kiri, u jintrabat li jassikura dak il-fond kontra l-ħruq u l-ħsara ma' kumpannija assikuratriċi ben vista għall-lokatur, jekk ma jkunx hemm ftehim dwar il-valur tal-fond ma jeżegwix l-obligazzjoni tiegħu billi jqabbad perit biex jistma l-fond u jassikura l-fond għas-somma fissata minn dak il-perit bħala valur tal-fond; għax huwa mhux fil-libertà li jagħmel is-sikurtà fuq l-istima ta' dak il-perit mingħajr ma jippartecipa bl-ebda mod lill-lokatur, imma huwa fid-dmir, qabel ma jagħmel is-sikurtà, li jaċċerta ruħu illi l-lokatur huwa kuntent b'dik l-istima.*

*Patt simili jista' jiġi raġjonevolment interpretat biss fis-sens illi l-lokatur ried jitfa' l-piż kollu fuq is-sigurtà; u għalhekk, jekk l-assikurazzjoni li jagħmel il-konduttur bil-mod hawn imsemmi tirriżulta insuffiċjenti, il-konduttur ma jkunx adempixxa l-obligazzjoni tiegħu kif kellu jadempiha.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li hu, per mezz ta' skrittura privata tal-14 ta' Diċembru 1948 (dok. A), ta lill-konvenut b'lokazzjoni l-fond li jismu "St. George's Garage", u li qiegħed il-Hamrun, Villambrosa Street, bla numru; li skond il-paragrafu numru 2 ta' l-istess skrittura l-konvenut kellu l-fakoltà li juża l-istess fond bħala garage, bil-kondizzjoni però, li jassikura l-fond kontra l-ħruq u l-ħsara ma' kumpannija ta' l-assikurazzjoni ben vista mill-attur; li l-konvenut għamel assikurazzjoni għall-istess fond għal £370 mal-"Caledonian Insurance Company"; li skond ma jirriżulta mill-istima (dok. B) l-istess fond jiswa £607; u li dana l-aġir tal-konvenut huwa ta' preġudizzju għall-attur; u talab li, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa, u meħud kull provvediment opportun, għar-raġunijiet fuq imsemmija, (1) jiġi dikjarat minn dina l-Qorti illi l-assikurazzjoni, kif magħmula mill-konvenut, relativament għall-fond bla numru, Villambrosa Street, Hamrun, u li jismu "St. George's Garage", ma tikkomprendix il-valur reali ta' l-istess fond; (2) il-konveunt jiġi kundannat sabiex, fi żmien qasir u peren-

torju, huwa jassikura l-istess fond għall-valur reali tiegħu, liema valur għandu jiġi stabbilit per mezz ta' periti nominandi; (3) u f'każ li dan it-terminu jgħaddi inutilment, l-attur jiġi awtorizzat li jagħmel l-istess assikurazzjoni huwa għas-spejjeż tal-konvenut. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 1949, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

*Omissis;*

*Irriflettiet;*

Il-meritu tat-tieni u t-tielet domandi huwa eżawrit (ara nota ta' l-attur fol. 49), peress li "*pendente lite*" il-konvenut irrinunzja għall-inkwilinat tal-fond "*de quo*", u l-attur reġa' ħadu taħt idejh;

Tibqa' l-ewwel domanda u l-kap ta' l-ispejjeż relativ għaddomandi kollha. Għalhekk il-meritu, għad li ma għandux jiġi deċiż kwantu għat-tieni u t-tielet domanda, għandu jiġi l-istess eżaminat għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż;

Skond il-ftehim bejn il-kontendenti, kif jirriżulta mittieni patt ta' l-iskrittura fol 5, il-konvenut, fil-każ li kien sejjer juża l-fond bħala garage għall-karrozzi—kif fil-fatt ma hux kontrastat li għamel — kien obligat, fil-kliem ta' l-iskrittura, "jassikura l-imsemmi garage kontra l-ħruq u l-ħsara ma' kumpannija ta' l-assikurazzjoni ben vista lil Formosa.............." Meta ssir din l-assikurazzjoni, il-kera kellu jiġi *ridott* b'ħames liri fis-sena;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut jgħid li, peress li hu u l-attur ma ftehmux fuq il-valur tal-fond, għalhekk baqgħu li l-konvenut kellu jqabbad perit u jħallsu hu. Fil-fatt hu qabbad il-Perit Salinos, dan stma l-fond £367. 15. 0 (fol. 18), u s-sikurtà saret, kif ma hux kontrastat, għal £370. Ma jirriżultax li l-attur ġie nfurmat b'din l-istima, jew li hu b'xi mod aċċettaha bħala li tkopri l-valur tal-fond, jew li ikkuntenta b'xi mod bis-sikurtà li saret in bażi tagħha. Anki jekk hu veru li l-konvenut kellu jqabbad perit, dan ma jfissirx li hu kien fil-libertà li jagħmel is-sikurtà fuq l-istima ta' dak il-perit bla ma jipparteċipa bl-ebda mod lill-attur. Il-konvenut kellu jimxi b'okulatezza u prudenza, u qabel ma jagħmel is-sikurtà kien fid-dmir jaċċerta ruħu illi l-attur kien kuntent; għaliex il-kon-

venut kellu obligu preċiż, skond l-iskrittura, u ma kienx awtorizzat li jikkonkludi s-sikurtà unilateralment;

Skond ix-xhieda ta' l-attur (u ebda prova ma ngiebet in kontradizzjoni tagħha) fol. 24, hu sar jaf li l-konvenut kien għamel is-sikurtà wara li din kienet saret. L-attur allura qabbad perit biex jikkontrolla dak li kien għamel il-konvenut, u dan il-perit iffissa l-valur tal-fond fis-somma ta' £607;

Għalhekk, proprjament, għall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjeż, il-pont hu jekk, meta l-konvenut ħa polza kontra l-ħruq u l-ħsara għal £370, għamelx dak li kellu jagħmel skond l-obligazzjoni minnu assunta fl-iskrittura;

Il-Professur John Gatt, inkarikat bħala perit mill-Qorti, għalkemm ma pproċediex għall-valutazzjoni tal-fond biex jiġu iffrankati spejjeż inutili għall-partijiet, la darba l-meritu ġie eżawrit, qal però, fir-relazzjoni tiegħu fol. 45, illi lanqas l-istima tal-perit Mercieca mqabbad mill-attur (ċjoè £607) ma tkopri l-valur kollu tal-fond, għalkemm ma hix bogħod minn dan il-valur. Anqas u anqas tkoprih dik ta' £367. 15. 0 li fuqha l-konvenut ipproċeda "marte proprio" biex jagħmel is-sikurtà għal £370;

Issa, ma hemmx dubju li bil-fatt fuq imsemmi l-attur ried, u l-konvenut fehem, jew kellu jifhem, illi f'każ ta' ħruq jew ħsara ma kellu jkun hemm ebda responsabilità għal spejjeż ta' tiswija jew rikostruzzjoni mill-parti l-waħda jew l-oħra. L-attur ried li jkun fiż-żgur, u mhux jiddependi mis-solvibilità tal-konvenut, u mbagħad, jekk din is-solvibilità ma tkunx suffiċjenti, ikollu jħallas hu. L-attur ried jitfa' l-piż kollu fuq is-sikurtà. Din hi l-unika interpretazzjoni raġjonevoli ta' dak il-patt;

Issa, bil-fatt li s-sikurtà saret biss għal £370 ġara dan. F'assikurazzjonijiet simili hu użu li jkun hemm fil-polza dik li tissejjaħ "average clause", li ġeneralment hi konċepita hekk :— "If the property hereby insured shall, at the breaking out of the fire, be collectively of greater value than the sum insured hereon, then the insured shall be considered as being his own insurer for the difference, and shall bear a rateable proportion of the loss accordingly. Every item, if more than one, of the policy shall be separately subject to this condition";

Minn dan jiġi li f'każ ta' ħruq il-kumpannija tas-sikurtà tħallas biss dak is-sehem għat-tiswija jew rikostruzzjoni talħsara korrispondenti għall-proporzjon li s-somma assikurata tirrappreżenta mill-kost totali tal-fabbrikat. Għalhekk, suppost li s-somma li għaliha assikura l-konvenut tirrappreżenta, kif ikkalkula l-perit ġudizzjarju li tirrappreżenta, 45.5% tal-valur totali tal-fabbrikat, allura l-kumpannija, f'każ ta' ħruq, tħallas biss 45.5% mill-ispiża meħtieġa għat-tiswija; il-bqija, ċjoè 54.5%, ibatiha min jassikura. Dan ifisser illi l-konvenut ma eżegwiex l-obligu tiegħu skond l-iskrittura, għax seta' jara li f'każ ta' ħruq il-kumpannija tħallas biss dak is-sehem, u għallkumplament l-attur kien ikollu jiddependi fuq is-solvibilità talkonvenut, u, jekk din ma tkunx tajba, kien ikollu joħroġ l-ispiża minn butu, mentri b'dak il-parti hu ma riedx dan ir-riskju;

Għalhekk, ladarba kien il-konvenut li naqas mill-obligu tiegħu, l-Imħallef sedenti ma jarax raġuni biex jimmodera lkap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-ewwel domanda, fis-sens li tagħmel id-dikjarazzjoni hemm mitluba;

Tastjeni li tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet domandi, stante li l-meritu relativ hu eżawrit;

L-ispejjeż kollha jibqgħu għak-kariku tal-konvenut.